TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 43/15/F

**Anthony Barbara**

**vs**

**Crosscraft Ltd.**

Illum 14 ta' Lulju, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-25 ta' Frar, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn, u disgħa u sittin ewro (€269), rappreżentanti prezz ta' *microwave oven* illi beda jissaddad.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *microwave* u beda jissaddad. L-ewwel darba l-intimat kien biddilulu. Wara sena u nofs reġa' ssaddad it-tieni *microwave* u għalhekk qed jitlob rifużjoni tal-prezz tal-*microwave*.

L-intimat issottometta illi l-garanzija tal-*microwave* ma tkoprix is-sadid u għaldaqstant għandu jiġi liberat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li ra l-kundizzjonijiet tal-garanzija, jinnota illi verament il-garanzija teskludi lid-ditta għal meta jkun hemm is-sadid. Għalkemm mhix waħda mill-kundizzjonijiet daqshekk feliċi, pero' meta xtara r-rikorrenti kien jaf x'kien qed jixtri bil-kundizzjoni tal-garanzija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888